# ID-DAWL

OTTUBRU 2025 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 94

“Tassew l-irġiel u n-nisa ubbidjenti, l-irġiel u n-nisa li jemmnu, l-irġiel u n-nisa devoti u onesti... Alla ħejja għalihom maħfra u premju mill-aqwa.”



L-Edukazzjoni tan-Nisa | Ir-Rwol tal-Mara fid-Dar | Insellmu l-Isforzi tan-Nisa | Il-Konvenzjoni Annwali 2025

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# L-Iżlam jippermetti li n-nisa jkomplu jistudjaw?

*Ikompli mill-ħarġa li għaddiet...*

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Fil-verità, l-Iżlam huwa reliġjon li tagħti forza lin-nisa. Hija tħeġġeġ kemm lill-irġiel kif ukoll lin-nisa biex ifittxu l-għarfien. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal, "It-tiftix tal-għarfien huwa dmir ta' kull Musulman" — mingħajr distinzjoni bejn is-sessi.

Eżempju notevoli huwa dak ta' Ħażrat Aisha (jalla Alla jkun kuntent biha), il-mara tal-Profeta Muħammad, li kienet skular brava u prominenti, li dwarha l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, stqarr, "Tgħallmu nofs ir-reliġjon mingħand Aisha."

Jingħad li r-rakkonti ta' Ħażrat Aisha (jalla Alla jkun kuntent biha) jinkludu parti sostanzjali mill-għarfien reliġjuż Iżlamiku. Ħafna drabi kienet tindirizza l-ġemgħat dwar kwistjonijiet ta' xjenza reliġjuża, u l-kumpanni (jalla Alla jkun kuntent bihom) kienu jersqu lejn darha f'numri kbar biex isaqsu għall-gwida tagħha u biex jitgħallmu dwar ir-reliġjon mingħandha. Hija kienet twieġeb il-mistoqsijiet tagħhom b'għerf u ċarezza, filwaqt li kienet tilbes il-velu u żżomm mal-prinċipji tal-modestja.

Għaldaqstant, l-Iżlam ma jċaħħadx lin-nisa mill-istudju, anzi l-Iżlam jippreżenta lin-nisa bħala għalliema kbar. Mhux biss għalliema fid-djar tagħhom, imma wkoll għalliema barra djarhom. Għalhekk, l-allegazzjoni li l-Iżlam jopponi l-edukazzjoni femminili hija evidentement bla bażi. Dawn in-narrattivi foloz ħafna drabi jgħaqqdu użanzi kulturali tal-lokal jew l-effetti ta' instabbiltà politika mat-tagħlim Iżlamiku — u joħolqu tgerfix ma' kullimkien.

## ID-DAWL

OTTUBRU 2025 – Numru 94 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

Islam & education of women 02
The hidden Jihad: A woman's role at home 04
Honouring women's efforts 05
Jalsa Salana Malta 2025 06
How to Treat Your Neighbours 08

www.ahmadiyya.mt/id-dawl Il-Qoxra: Mrs_ya/Shutterstock.com




L-Iżlam mhux biss jippermetti lin-nisa biex ikomplu bl-edukazzjoni tagħhom — huwa jiċċelebra u jonora l-insegwiment tagħhom tal-għarfien. Eżempju ċar ħafna huwa dak tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, moviment ta' qawmien fi ħdan l-Iżlam, li mhux biss jissapportja lin-nisa fl-attivitajiet akkademiċi u professjonali tagħhom iżda wkoll jenfasizza u jiċċelebra l-kisbiet tagħhom b'mod grandjuż.

Kull sena, fil-konvenzjoni spiritwali internazzjonali tal-komunità, magħrufa bħala Jalsa Salana, dan il-prinċipju jidher b'mod viżibbli. Wieħed ma jistax jattendi mingħajr ma jinnota din il-verità qawwija: l-Iżlam iqis id-dritt għall-edukazzjoni b'mod ugwali kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.

Fl-aħħar Jalsa Salana (konvenzjoni annwali) UK, miżmuma fl-aħħar ta' Lulju, studenti femminili li kisbu riżultati akkademiċi eċċellenti, kienu rikonoxxuti pubblikament. Tul ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet fil-preżenza tal-Mexxej Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], l-ismijiet, il-kwalifiki u l-kisbiet tal-istudenti tħabbru quddiem l-udjenza globali. Kull kandidata rċeviet ċertifikat, midalja u kopja ffirmata tal-Koran Imqaddes — iffirmata personalment mill-Qdusija Tiegħu.

Minkejja r-responsabbiltajiet kbar li jġorr minħabba li jmexxi miljuni ta' segwaċi madwar id-dinja, il-Qdusija Tiegħu jiddedika ħafna ħin biex personalment iħeġġeġ u jagħti gwida għall-insegwiment tal-edukazzjoni. Din hija xhieda qawwija ta' kemm l-Iżlam jagħti valur imprezzabbli lill-għarfien — ugwalment għan-nisa kif ukoll għall-irġiel.

# Il-Ġiħad moħbi: Ir-rwol tal-mara fid-dar

Xi wħud jistgħu jaħsbu li hemm żminijiet meta n-nisa jinżammu lura milli jagħmlu x-xogħol ta' Alla sabiex jieħdu ħsieb uliedhom u djarhom. Fil-fatt, in-nisa fi żmien il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kienu inkwetati dwar l-istess ħaġa u bagħtu lil Asma Bint Yazid bħala kelliema għalihom; hija qalet:

"Jalla l-ġenituri tiegħi jkunu sagrifikati għalik! Ġejt għandek bħala rappreżentanta tan-nisa Musulmani. Jalla ħajti tkun sagrifikata għalik! In-nisa tal-Lvant u tal-Punent kollha jaqblu mal-fehma tiegħi li Alla l-Eżaltat bagħtek bil-verità għall-irġiel u n-nisa u biex aħna naċċettawk u naċċettaw ukoll lil Alla li bagħtek. Aħna n-nisa konna magħluqin fid-djar. Aħna niffaċilitaw it-twettiq tax-xewqat tagħhom [tal-irġiel] u nieħdu ħsieb uliedhom. Intom l-irġiel għandkom il-vantaġġ fuqna li tattendu t-Talb tal-Ġimgħa, it-Talb kongregazzjonali regolarment [fil-moskea], iżżuru l-morda, tattendu l-funerali, u tmorru għall-Ħaġġ [il-pellegrinaġġ lejn Mekka]. Fuq kollox, tmorru wkoll għall-Ġiħad. Meta xi ħadd minnkom imur għall-Ħaġġ, l-Umrah, jew il-Ġiħad, aħna nieħdu ħsieb il-proprjetà tagħkom, nagħżlu l-qoton għad-drapp, u nrawmu lil uliedkom. O Profeta ta' Alla! Ma jistħoqqilniex il-premju lilna bħall-irġiel?"

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, dawwar wiċċu mbierek lejn sħabu (il-Kumpanni) u qal: "Qatt sema' xi ħadd minnkom lil xi ħadd jesprimi ruħu b'mod fin daqs din il-mara dwar kwistjoni ta' fidi?" Huma wieġbu: "O Profeta ta' Alla! Qatt ma ħsibna li mara jkollha ħsieb daqshekk profond (dwar il-kwistjoni tagħhom)."

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, dar lejha u qalilha: "O mara, erġa' lura u għarraf lil kull mara li għal mara li tkun mara tajba, li tkun ubbidjenti lejn żewġha, u li timxi skont ix-xewqat tiegħu hija ugwali għall-virtujiet kollha tal-irġiel." (*Bayhaqi, Shuab-ul-Iman, Hadith* 8369)

F'rakkont ieħor, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal: "Mara hija l-gwardjana tad-dar tagħha u tinżamm responsabbli għaliha." (*Sahih al-Bukhari*, Ktieb 93, *Hadith* 2)



iStock.com/Noah Saob

Il-gwida tal-Profeta Muħammad, is-sliem għalih, tagħmilha ċara li, filwaqt li l-irwoli tal-irġiel u n-nisa jistgħu jvarjaw, il-premjijiet tagħhom f'għajnejn Alla huma ugwali. Meta n-nisa jieħdu ħsieb djarhom u l-familji tagħhom b'sinċerità, jiġu ppremjati bil-kbir, l-istess bħalma l-irġiel jiġu ppremjati talli jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

## Insellmu l-isforzi tan-nisa

L-Iżlam jirrikonoxxi l-irwoli uniċi li għandhom in-nisa fis-soċjetà u l-familja, u jonora l-isforzi tagħhom kemm fl-isferi pubbliċi kif ukoll f'dawk privati. It-triq biex taqla' l-imħabba ta' Alla mhix limitata għal azzjonijiet esterni biss iżda tinkludi devozzjoni sinċiera, tjieba, u t-twettiq tar-responsabbiltajiet bil-fidi u l-umiltà. Kemm jekk mara qed trabbi tifel jew tifla, tmexxi dar, tfittex l-għarfien, jew taqdi lill-umanità, hija għandha l-opportunità li tikseb il-pjaċir ta' Alla permezz tal-intenzjoni u d-dedikazzjoni tagħha.

F'għajnejn Alla, l-aktar ħaġa importanti hija t-*taqwa* (it-tjieba u l-pjetà), u f'din it-tfittxija, in-nisa huma kompletament mogħtija s-setgħa u l-kapaċità bl-istess mod. Ħalli kull mara tkun taf li l-vjaġġ tagħha lejn l-imħabba ta' Alla huwa kemm onorat kif ukoll ippremjat fl-Iżlam.

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, enfasizza l-grad għoli li l-Iżlam jagħti lin-nisa waqt id-diskors ewlieni tiegħu fil-Konvenzjoni Annwali tal-2025 li saret fil-Ġermanja.

Il-Qdusija Tiegħu qal li kull mara, kif ukoll kull raġel, għandhom ir-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom, stabbiliti mit-tagħlim Iżlamiku. Il-progress u s-suċċess taċ-ċiviltajiet jiddependu fuq in-nisa. Għalhekk, jekk in-nisa jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom kif suppost, bl-edukazzjoni u l-għarfien xieraq, jista' jseħħ progress kbir fis-soċjetà. L-istess japplika għall-isfera reliġjuża. L-Iżlam ta lin-nisa grad speċjali u għamilhom konxji tar-responsabbiltajiet tagħhom. In-nisa m'għandhomx jaqgħu taħt il-kumpless ta' inferjorità, billi jaħsbu li l-Iżlam tahom status inqas meta mqabbel mal-irġiel. Fil-fatt, l-Iżlam ta lin-nisa status manjifiku; tahom l-istatus ta' omm, ta' oħt u ta' mara miżżewġa. In-nisa għandhom is-sinifikat u l-importanza tagħhom – huwa minħabba n-nisa li l-umanità tkompli teżisti.

## Is-7 Jalsa Salana Malta

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta organizzat is-7 Jalsa Salana (Konvenzjoni Annwali) tagħha nhar il-Ħadd 19 ta' Ottubru 2025, fiċ-Ċentru tal-Komunità fl-Imsida, Malta. It-tema tal-Jalsa ta' din is-sena kienet **"*Zikr-e-Ilahi* – It-Tifkira ta' Alla."**

Il-Konvenzjoni bdiet bil-qari mill-Koran Imqaddes, poeżiji u diskorsi fuq suġġetti differenti; u nqara wkoll il-messaġġ tal-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]. Fil-messaġġ tiegħu, il-Qdusija Tiegħu fakkar lill-membri tal-Komunità dwar l-iskop veru tal-Jalsa Salana — **'li nimxu fit-triq tas-sewwa'.** Huwa elabora li: "Dan ma jfissirx li għandna nabbandunaw kompletament id-dinja u naqtgħu r-rabtiet ma' kulħadd kompletament. Pjuttost, waqt li ngħixu f'din




id-dinja u nwettqu r-responsabbiltajiet tagħna, irridu nkomplu nibqgħu fit-triq tas-sewwa; u l-ebda xewqa tad-dinja m'għandha żżommna milli nieħdu dak l-għan... Inħeġġiġkom tifformaw relazzjoni personali ma' Alla li Jista' Kollox u tistinkaw biex issiru l-aqwa Musulmani Aħmadi. Offru l-ħames talb tagħkom ta' kuljum regolarment u fil-kongregazzjoni, żidu t-talbiet tagħkom u żommu t-tifkira ta' Alla kontinwament f'qalbkom."

Matul il-konvenzjoni annwali, ġew ippreżentati sitt diskorsi, żewġ dokumentarji, Amin tat-tfal, u rapport annwali tal-attività. Id-diskorsi saru kemm bl-Ingliż kif ukoll bl-Urdu fuq is-suġġetti: Insibu lil Alla f'dinja materjalista, l-umiltà u l-modestja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], il-Ġiħad tal-pinna, il-barkiet tal-komunità, l-infiq fit-triq ta' Alla, u t-Tifkira ta' Alla.





# Kif tittratta l-ġirien tiegħek

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija tiegħu, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], jgħid:

"Kull min iċaħħad lill-ġar tiegħu mill-ftit tjubija li jkun hemm fis-setgħa tiegħu, dak ma jitqiesx fil-komunità tiegħi. Kull min jirrifjuta li jaħfer in-nuqqasijiet tal-oħrajn li jistgħu jwettqu xi ħaġa ħażina kontrih, u jixtieq li jkattar il-malizzja, dak ma jitqiesx fil-komunità tiegħi." (*Our Teachings*, p. 16)

"Il-prinċipju li aħna nimxu fuqu huwa li aħna għandu jkollna l-kompassjoni f'qalbna għall-umanità kollha. Jekk xi ħadd jara d-dar ta' wieħed ġar Ħindu qed taqbad u ma jersaqx 'il quddiem ħalli jgħin biex jitfi n-nar, tabilħaqq niddikjara li dak ma jingħaqadx miegħi. Jekk xi ħadd mis-segwaċi tiegħi jkun ra lil xi ħadd qed jipprova joqtol Nisrani u ma jiċċaqlaqx biex isalvah, jien niddikjara solennement li dak ma jingħaqadx magħna… Jiena naħlef u nistqarr fis-sewwa li jien m'għandi l-ebda mibegħda għall-ebda poplu." (*Siraje Munir, Ruhani Khazain*, vol. 12, p. 28)

"Kemm hu possibbli, il-komunità tagħna għandha tagħmel ħilitha biex tattendi għat-talb tal-funeral meta xi ħadd iħallina. U wieħed għandu juri simpatija mal-ġirien tiegħu. Dawn l-affarijiet għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tan-nies... Mhux faċli li wieħed jifhem id-drittijiet tal-aħwa u tal-ġirien. Bla dubju huwa faċli li wieħed jgħid bil-fomm li nafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom, imma biex nuru mogħdrija u mħabba vera bħala obbligu reliġjuż mhu faċli xejn.

Ir-realtà hi li għall-movimenti u l-għemejjel kollha l-fidi hija bħal magna. Meta jkun hemm il-fidi d-drittijiet kollha jiġu osservati awtomatikament; u persuna tibda minn jeddha twettaq azzjonijiet ta' virtujiet enormi u mogħdrija. Iż-żerriegħa tal-fidi tibda tikber bil-mod; iżda mhijiex destinata għal kulħadd." (*Malfoozat*, vol. 6, p. 107)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**